MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 23/2008

**Cecil Pace**

***kontra***

**Raymond Gatt f'ismu proprju u, bhala stralcjarju zieda awtorizzata b`digriet tal-14 ta` April 2008, u in rapprezentanza ta' Gatt, Galea & Co bhala Kontrollur tas-socjetajiet Finindustry Limited, Finexport Limited, Maltese Properties Limited, Universal Investment Company Limited u Tradefin Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fl-10 ta' Jannar 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi elfejn u hames mitt ishma f'isem Victor Grech fis-socjetajiet Finindustry Limited, Finexport Limited, Tradefin Limited u Maltese Properties Limited kif ukoll hamest elef ishma fis-socjeta' Universal Investment Company Limited, ilkoll ta' lira (LM1) kull wiehed gew trasferiti minn Victor Grech lill-esponent ;*

*2. Illi l-esponent talab kemm-il darba lill-Kontrollur tas-socjetajiet imsemmija, fosthom Gatt Galea & Co, kif rapprezentat minn Raymond Gatt sabiex jirregistra t-trasferiment ta' dawn l-ishma f'isem l-esponent, izda dan baqa' inadempjenti, bi ksur tal-Commercial Partnerships Ordinance, u ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) ;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, jghid ghalhekk il-konvenut proprio et nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tordna lill-konvenut Raymond Gatt f'ismu proprju u bhala stralcjarju u in rapprezentanza ta' Gatt Galea & Co bhala kontrollur tas-socjetajiet fuq imsemmija sabiex jirregistra minnufih it-trasferiment ta' elfejn u hames mitt ishma minn Victor Grech fis-socjetajiet Finindustry Limited, Finexport Limited, Tradefin Limited, Maltese Properties Limited kif ukoll hamest elef ishma fis-socjeta' Universal Investment Company Limited, kollha ta' lira (Lm1) kull wiehed f'isem l-esponent.*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara l-agir tal-konvenut Raymond Gatt f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' Gatt Galea & Co bhala kontrollur tas-socjetajiet fuq imsemmija bhala abbusiv, irresponsabbli, illegali u in malafede bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Commercial Partnerships Ordinance u ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).*

*3. Fin-nuqqas, tiddikjara lill-konvenut Raymond Gatt f'ismu proprju u in rapprezentanza ta' Gatt Galea & Co bhala kontrollur tas-socjetajiet fuq imsemmija responsabbli ghad-danni kollha kkagunati lill-esponent, liema danni jigu likwidati b'gudizzju separat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat proprio et nomine li jibqa' ngunt minn issa biex jidher in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fl-<u>4 ta' Frar 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra l-esponenti personalment ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi l-esponenti qatt ma ghamel xejn f'dik il-kapacita' relattivament ghall-vertenza in kwistjoni u jew in konnessjoni mas-socjetajiet intimati;*

*2. Illi in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma diretti kontra l-esponenti in rappresentanza ta' "Gatt Galea & Co" bhala kontrollur tas-socjetajiet imsemmija, ukoll l-istess talbiet ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li Raymond Gatt gie mahtur, b'effett mill-10 ta' April 2006, bhala stralcjarju (mhux Kontrollur) tas-socjetajiet kollha li kienu assocjati mal-Bank of Industry Commerce & Agriculture Limited (BICAL) u ghalhekk in kwantu huwa citat kif gie citat huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti.*

*3. Illi bla pregudizzju tal-premess u fil-mertu n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-Att dwar il-kumpaniji kontrollati billi kull vertenza rigwardanti socjetajiet in stralc huwa l-Bord tal-Appelli*

*kostitwit b'dak l-Att li ghandu gurisdizzjoni esklussiva in konnessjoni ma' vertenzi dwar dawk is-socjetajiet.*

*4. Illi, dato ma non concesso, illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija minnha, dik ir-registrazzjoni kienet att frawdolenti u in vjolazzjoni tal-ligi li tikkontrolla l-banek u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jabbuza l-azzjoni tieghu fuq l-illecitu tieghu nnifsu u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes.*

*5. Illi kwantu ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' responsabilita' ta' danni, apparti l-fatt li r-rikorrenti jrid jipprova x'danni seta' bata b'rizultat tar-rifjut da parte tal-esponenti biex jaghmel dak minnu mitlub, ma jistax jigi ritenut u jinghad li huwa qatt jista' jkun hekk tenut ghax dak li huwa llegali ma jista' qatt jaghti lok ghal xi danni.*

*6. Salvi kontestazzjoni ulterjuri skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut proprio et nomine.

Rat in-nota tal-attur fejn fl-udjenza tal-14 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta pprezenta hmistax (15) –il dokument (fol 11 sa fol 26).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-14 ta` April 2008 fejn akkordat it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tieghu tad-29 ta` Frar 2008 fis-sens li ssir korrezzjoni fir-rikors promotorju sabiex jizdiedu l-kliem *bhala stralcjarju* wara l-kliem *Raymond Gatt f`ismu propju* fl-okkju tal-kawza u fit-talbiet relattivi.

Rat li f`din l-istess udjenza, il-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni, kif ukoll li kienu trattati l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet (fol 31 sa 35).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur (fol 36 sa 38).

Rat is-sentenza *in parte* ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2008 (fol 40 sa 45) fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet, bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

Rat l-affidavit tal-attur mahluf prezentat fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta (fol 49).

Semghet ix-xhieda tal-konvenut fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2009 (fol 51 sa 57) u tat-23 ta` April 2009 (fol 69 sa 73).

Rat l-affidavits ta` Dr. Manoel Mizzi (fol 59) u ta` Dr. Malcolm Pace (fol 60) li kienu prezentati fl-udjenza tat-23 ta` April 2009.

Rat in-nota tal-attur fejn fl-udjenza tat-23 ta` April 2009 ipprezenta tliet dokumenti.

Rat li fl-udjenza tas-6 ta` Lulju 2009 (fol 75) id-difensur tal-konvenut iddikjara li Gatt, Galea & Co giet nominata Kontrollur tal-BICAL u tal-kumpanniji assocjati b`effett mill-1 ta` Jannar 2003, waqt li Raymond Gatt personalment gie nominat stralcjarju tas-socjetajiet rikorrenti fost ohrajn b`effett mill-10 ta` Jannar 2006.

Rat in-nota tal-attur fejn fis-6 ta` Lulju 2009 ipprezenta l-*memorandum* u l-*articles of association* tal-hames kumpanniji mertu ta` din il-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta` Ottubru 2009 fejn iddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-attur.

Semghet ix-xhieda tal-konvenut fl-udjenzi tat-12 ta` Ottubru 2009 u tat-23 ta` Marzu 2010, u rat id-dokument li kien esebit mill-konvenut f`din l-ahhar udjenza.

Rat li l-konvenut ghalaq il-provi tieghu fl-udjenza tat-23 ta` Marzu 2010.

Rat li fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2010, id-difensur tal-attur ipprezenta nota bl-original ta` numru ta` dokumenti li kopji taghhom diga` jaghmlu parti mill-atti.

Semghet lill-konvenut jixhed in kontroezami fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-attur jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet sa mhux aktar tard mit-13 ta` Lulju 2010 u bil-fakolta` li l-konvenut jipprezenta nota responsiva sal-31 ta` Awissu 2010.

Rat li l-partijiet ma ressqux sottomissjonijiet bil-miktub in linea ma` dan l-ahhar digriet.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jitlob li ssir ir-registrazzjoni f`ismu ta’ elfejn u hames mitt (2500) sehem tas-socjetajiet *Finindustry Limited, Finexport Limited, Tradefin Limited u Maltese Properties Limited* kif ukoll ir-registrazzjoni f`ismu ta` hamest elef (5000) sehem tas-socjeta’ *Universal Investment Company Limited*. Inoltre talab li l-istralcjarju jirregistra f`ismu dawk l-ishma li qabel kienu registrati f`isem certu Victor Grech, u li sussegwentement kienu trasferiti lura lill-attur.

Il-vertenza hija ben delineata fl-affidavit ta` Dr. Manoel Mizzi (a fol 59 tal-process) fejn *inter alia* jinghad hekk -

... *F`certu zmien l-ahwa Pace fuq parir legali li nghataw mill-*
*Avukat Gege Gatt ddecidew li ma jkomplux jidhru bhala azzjonisti u diretturi ta` dawn il-kumpanniji u xi ohrajn biex jekk jista` jkun ma jgerrxux klijenti tal-Bank of Industry Commerce and Agriculture li taghha huma kienu azzjonisti maggoritarji u diretturi.*

*Bi ftehim ma` Victor Pace u Albert Zammit li kienu jahdmu maghhom l-ishma tal-ahwa Pace f`dawn il-kumpanniji gie trasferit mill-ahwa Pace lil Grech u Zammit li bdew jidhru bhala azzjonisti u diretturi. L-ahwa Pace nghataw prokuri minn Victor Grech u Albert Zammit biex ikunu awtorizzati jirrapprezentaw u jorbtu lil dawn il-kumpanniji fejn kien hemm bzonn. Kienu gew iffirmati share transfer forms minn Grech u Zammit favur l-ahwa Pace li zammew kontroll ta` dawn il-kumpanniji.*

*F`Dicembru 1972 billi Zammit u Grech ma xtaqux jkomplu bhala azzjonisti u diretturi ta` dawn il-kumpanniji, bi qbil bejniethom, l-ishma gew trasferiti lura f`isem l-ahwa Pace. Il-kitba fis-share transfer forms hija tieghi. Naghraf ukoll il-firem fl-istess share transfer forms ta` Victor Grech, illum mejjet, ta` Carmelo Anastasi li deher bhala xhud u ta` Cecil Pace.*

L-originali tax-*share transfers* in kwistjoni huma esebiti minn Dok MP1 sa MP6 u huma datati 7 ta` Dicembru 1972. B`ordni ta' din il-Qorti, wara talba tal-konvenut, l-attur esebixxa l-*memorandum* u l-*articles of association* tal-hames kumpanniji li l-attur qieghed jippretendi li n-numru ta` ishma li ndika jigu registrati f`ismu mill-konvenut. Mill-istatuti tal-kumpanniji in kwistjoni, jirrizulta li s-*share transfers* saru **qabel** l-*entrata in scena* tal-ewwel Kontrollur u cioe` tal-Av. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici.

Minn ezami ta` kull wiehed minn dawn il-hames dokumenti (markati minn Dok K1 sa K5) jirrizulta li kull kumpannija hija `*a controlled asset in terms of the Controlled Company (Procedure for Liquidation) Act, Chapter 383 of the Laws of Malta*`.

Il-frazi '*controlled asset'* hija hekk definita fil-Kap.383 -

*"controlled asset" means and includes a bank or other credit institution, property, partnership, firm or other business in respect of which the Minister, in terms of article 18 of the Banking Act, or the competent authority in terms of article 29 of the Banking Act, has appointed a person or persons to assume control of the same.*

Il-verzjoni bil-Malti taqra hekk -

*"attiv kontrollat" tfisser u tinkludi bank jew istituzzjoni ta' kreditu ohra,*
*proprjetà, socjetà, azjenda jew negozju iehor li dwaru l-Ministru, skond l-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju, jew l-awtorità kompetenti skond l-artikolu 29 ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju, ikun hatar persuna jew persuni biex jassumu kontroll taghhom.*

Id-ditta ta` awdituri Gatt Galea & Co kienet mahtura bhala Kontrollur fl-1 ta' April 2003.

Fl-10 ta' April 2006, Raymond Gatt kien mahtur bhala stralcjarju tal-kumpanniji in kwistjoni bis-sahha ta' Art. 29 ta' l-Kap.371 tal-Ligijiet ta` Malta, u skond id-disposizzjonijiet ta' l-Kap.383 tal-Ligijiet ta` Malta (ara a fol 12 estratt tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 326 bl-avviz tal-hatra).

F`dan ir-rigward, l-<u>Art. 29(1)(f) ta' l-Kap.371</u> jaqra hekk –

*Jekk, kemm minn xi rapport maghmul taht l-artikolu 20 jew l-artikolu 22 jew xort'ohra, ikun jidher lil awtorita' kompetenti illi tkun tapplika xi wahda mic-cirkostanzi indikati fl-artikolu 9(2), l-awtorita' kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali, tista' bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9(2) -*
*Tinnomina persuna kompetenti biex taghmilha ta' stralcjarju ghal-likwidizzjoni ta' l-affarijiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.*

L-<u>Art.9(2) ta' l-Kap.371</u> jawtorizza lil awtorita' kompetenti illi timponi restrizzjonijiet jew fuq il-licenza jew thassir ta' l-istess licenza fic-cirkostanzi elenkati minn dan l-istess Artikolu.

Meta kienu trattati l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-attur irrileva li bl-avviz fuq riferit il-konvenut Raymond Gatt kien gie mahtur bhala stralcjarju **<u>biss</u>**, u li s-socjetajiet li taghhom kien gie nominat stralcjarju ma tqeghdux fi stat ta' stralc, ghaliex kienet ghadha ma hargitx ordni ghal stralc skond Art.3(1) tal-Kap.383 (ara t-trattazzjoni a fol. 33 tal-process). Ghalhekk, skond l-attur, il-Kap.383 ma kienx japplika fil-konfront ta' dawk il-kumpanniji u allura l-konvenut kellu jirregistra l-ishma f'isem l-attur. Min-naha

tieghu, il-konvenut eccepixxa *inter alia* illi 'dato ma non concesso illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija minnha, dik ir-registrazzjoni kienet att frawdolenti u in vjolazzjoni tal-ligi li tikkontrolla l-banek u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-illecitu tieghu nnifsu. Inoltre, il-konvenut, fix-xhieda tieghu, (a fol. 55 tal-process) jghid illi huwa kien irrifjuta illi jirregistra l-ishma f'isem l-attur ghaliex tali ishma 'originarjament huma rregistrati f'isem persuni ohra, *nominees'* (ara fol. 52).

**Ikkunsidrat:**

L-istralc huwa perijodu transitorju mehtieg sabiex ikun stabbilit l-attiv b'serje ta' operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi pendenti.

L-istralcjarju ghandu l-funzjoni li jiehu d-direzzjoni tas-socjeta' li tkun tqeghdet fir-responsabbilita' tieghu sabiex iwassalha ghal-likwidazzjoni taghha u eventwalment ghat-thassir taghha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. Mal-hatra tieghu, l-istralcjarju jassumi s-setghat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija.

Inoltre mal-hatra ta' l-istralcjarju, l-iskop tas-socjeta' kummercjali jinbidel minn dak ta' l-prosegwiment ta' attivitajiet normali kummercjali ghal dak tar-realizzazzjoni ta' l-assi, tal-hlas tad-djun u tad-distribuzzjoni bejn is-socji ta' dak li jkun baqa'.

L-istralcjarju hu mahtur sabiex igib fit-tmiem l-operazzjonijiet *in corso*, jezigi l-hlas ta` l-krediti u jestingwi l-passiv. B`hekk jiccara l-*state of affairs* tas-socjeta' sabiex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x'jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat. L-istralcjarju ma jistax jaghti hajja ghal operazzjonijiet **godda** propju ghaliex il-funzjoni tieghu hija dik li jillikwida

l-affarijiet **<u>diga` mibdija</u>**, u ghalhekk biss ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Skond l-attur (ara l-affidavit a fol. 49) hu u huh Henry Pace kienu iffurmaw diversi socjetatjiet fosthom dawk li l-ishma taghhom huma l-mertu ta' din il-kawza. L-ishma ta' dawn is-socjetajiet kienu gew trasferiti lil certu Victor Grech. L-attur jispjega illi f'Dicembru ta' l-1972 dawn l-ishma regghu gew trasferiti lura lilu u lil huh. U saru x-*share transfers*.

Il-Qorti rat id-dokumenti <u>originali</u> tat-trasferiment ta' dawn l-ishma (ara d-dokumenti bit-timbru tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, a fol. 302 sa 306). Din il-Qorti tinnota wkoll dak dikjarat b`gurament mill-konvenut Raymond Gatt li kien biss fl-odjerna procedura illi huwa ha vizjoni tal-originali tas-*share transfers* in kwistjoni.

Il-konvenut qed jallega illi tali registrazzjoni hija att frawdolenti
pero` la jispjega ghala dan huwa hekk u wisq anqas ma jressaq prova. Wara ezami bir-reqqa ta' l-atti processwali ma jirrizultax illi l-konvenut irnexxielu jipprova xi att frawdolenti da parti ta' l-attur. Di piu` ma saret l-ebda prova li t-trasferiment kien kontra l-istatut tal-kumpanniji in kwistjoni, inkella sar kontra l-ligi, jew addirittura kien frawdolenti. Apparti l-aspetti tal-provi, il-konvenut kellu l-opportunita` li jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub <u>qabel</u> din il-Qorti tippronunzja ruhha u ghazel li jibqa` sieket.

L-awtenticita` tax-*share transfers* hija palesi u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex dubbju dwar l-awtenticita' tad-dokumenti li bihom kienu trasferiti l-ishma mertu tal-kawza minn Victor Grech lil attur. *Del resto* il-

konvenut mhux jiddisputa li dak it-trasferiment attwalment sar.

Dwar it-trasferiment ta` ishma f`kumpannija, **Pennington's Company Law** (Fourth Edition) p. 296 jghid hekk –

*The legal title to the share is vested in the person entitled to it either by allotment by the company or by a transfer from a former holder, but if all the legal rights, in respect of the share are to be enjoyed by that person, the company must have registered him as a holder of it in the company's register.*

Din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni ghala l-ishma trasferiti minghand Victor Grech lill-attur m'ghandhomx jigu registrati f`isem l-attur ladarba din il-Qorti tghid li **dik** ir-registrazzjoni mhijiex operazzjoni gdida ta' kummerc.

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Lulju 1996 fil-kawza **"Pace pro et noe vs Bonello pro et noe"** (Kollez. Vol. LXXX.II.849) il-Qorti tal-Appell sabet li l-approvazzjoni u registrazzjoni ta` ishma favur terzi taqa` fil-mansjonijiet tal-Kontrollur. Huwa kellu jigi ggwidat fid-decizjonijiet tieghu mil-legalita` tat-trasferiment. Il-Qorti qalet ukoll li dan ma jfissirx li l-Kontrollur huwa *a priori* eskluz milli jiehu decizjonijiet fuq konsiderazzjonijiet socjali fl-interess ta` l-azzjonist jekk tali decizjonijiet jistghu, apparti li jissalvagwardaw l-interessi ta` l-azzjonijiet huma konducenti ghall-espletar ta` l-inkarigu lilu moghti mil-ligi u cioe` li jillikwida l-attiv socjali. F`dan il-kuntest il-Kontrollur ghandu l-istess poteri tal-Bord tad-Diretturi sakemm fl-esercizzju ta` dawn il-poteri ikun qed jagixxi in bona fede u uti bonus paterfamilias.

L-attur jallega illi r-rifjut tal-konvenut illi jirregistra dawk l-ishma jammonta ghal agir abbusiv, irresponsabbli, illegali u in malafede.

Din il-Qorti tosserva illi din l-allegazzjoni ma giet fl-ebda mument ippruvata.

Il-konvenut jikkonferma bil-gurament (u b`ebda mod ma kien kontradett) li huwa rrifjuta li jirregistra l-ishma wara parir legali.

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Lulju 1996 fil-kawza **<u>"Pace pro et noe vs Bonello pro et noe"</u>** (**op.cit**.) il-Qorti tal-Appell irriteniet li l-Bord tad-Diretturi u allura anke l-Kontrollur setghu jirrifjutaw li jaghtu l-approvazzjoni taghhom u ma jirregistrawx l-ishma bla ma jaghtu ebda raguni ghal dan l-agir taghhom, u waslet ghall-konkluzjoni li l-Kontrollur kien pjenament gustifikat illi ma japprovax it-trasferiment u ma jirregistrax ishma (f`dak il-kaz) f`isem is-socjeta` attrici qabel ma jkun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja dwar il-validita` tat-trasferiment ta` l-ishma.

Dak pretiz mill-attur fir-rigward ta` dan l-aspett ma jirrizultax. Il-bazi ghar-responsabilita` ghal danni kif pretiza mill-attur mhijiex pruvata ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut li baqghu mhux decizi bis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Gunju 2008, tilqa` l-ewwel talba tal-attur kif dedotta, tichad it-tieni u tielet talbiet attrici.**

**B`applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li, tenut kont tac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------